Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 127 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work, taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 32 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni

ta’ edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri u b’mark medja minima ta’ 65% fis-Social Policy, Psychology, Youth and Community Studies jew Social Wellbeing Studies; jew

(b) grad ta’ Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta’ edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, f’Kategorija II u b’marka medja globali minima ta’ 65% fi tnejn mill-oqsma ta’ studju li ġejjin: Anthropology, Psychology, Sociology jew Social Studies; jew

(ċ) grad ta’ Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta’ edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat tal-anqas f’Kategorija II u b’marka medja globali minima ta’ 65% fit-Teoloġija flimkien mas-Psychology jew mas-Social Studies jew mas-Sociology; jew

(d) grad ta’ Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta’ edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri u b’marka medja minima ta’65% fi kwalunkwe qasam ta’ studju.”